MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 49/2011

**A B bhala kuratrici ta' bintha Diana B li giet inabilitata permezz ta' digriet numru 15/2005 datat 10 ta' Jannar 2005**

**vs**

**L-Avukat Dottor Noel Bartolo u l-PL Katrina Zammit Cuomo b'digriet tal-5 ta' Mejju 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jidhru ghan-nom ta' l-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta permezz tar-rit civili nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002).
2. Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;
3. Illi l-kontendenti qatt ma ghixu flimkien u fil-fatt iltaqu biss dak in-nhar meta zzewgu u per konsegwenza l-intimat abbanduna lir-rikorrenti ghal iktar minn sentejn minghajr raguni tajba u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess intimat;
4. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina l-Onorabbli Qorti (digriet numru 1882/10) datat 10 ta' Dicembru 2010 hawn anness u mmarkat bhala "Dok. DD 1";
5. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat; u

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti ghaliha, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti; u

3. Tapplika kontra l-intimat l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti u jiddekadi mill-manteniment; u

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimat huwa

unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jipprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att; u

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici noe;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo fil-kwalita` taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D li *in forza* taghha huma eccepixxew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkominikaw mal-intimat minnhom rapprezentata u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn Diana B li hija rapprezentata minn ommha A B f'dawn il-proceduri peress li hija inabilitata permezz ta' digriet numru 15/2005 datat l-10 ta' Jannar 2005 u l-

intimat assenti C D. Il-qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat stante li huwa assenti minn dawn il-gzejjer u stante li l-kuraturi deputati li qed jirrapprezentaw lill-istess intimat permezz tar-risposta guramentata taghhom ikkonfermaw li mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Ir-rikorrenti A B f'isem bintha Diana tghid li bintha u l-intimat qatt ma ghexu flimkien. Tghid li bintha dahlet ghal dan iz-zwieg ghaliex il-habiba taghha kienet gennitha biex tizzewgu. Hi tghid ukoll li peress li fi kliemha stess bintha "***daqsxejn fidila***" accettat li tizzewweg. Wara z-zwieg, bintha Diana marret lura ghand ommha u missierha filwaqt li l-intimat telaq. Mistoqsija mill-qorti jekk kienux ghaddew xi flus biex jigi kuntrattat dan iz-zwieg, A Grech tixhed li bintha tirrakkonta li l-flus kienet hadithom certu Miriam (li kunjomha mhux maghruf izda li toqghod Rahal Gdid) u li ghalkemm hi personalment qatt ma rat tali flus, bintha dejjem tishaq li kienet Miriam li hadet il-flus.

A B tikkonferma wkoll li l-partijiet ma kellhomx tfal bejniethom u li sa' fejn taf hi qatt ma kien hemm kuntatt fiziku bejniethom. Hi tghid ukoll li bintha kienet dahlet l-isptar Mount Carmel u kien f'dan iz-zmien li tawha l-parir biex tersaq ghal talba ta' separazzjoni jew ta' divorzju ghaliex jekk tibqa' tidher li hija mizzewga ma tkunx elegibbli ghall-beneficcji socjali.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Illi l-qorti tinnota li l-unika xhud li tat il-verzjoni tal-fatti kif graw f'dan il-kaz hija omm ir-rikorrenti Diana B u cioe' A B u dan *stante* li bintha hija inabilitata. Il-qorti tifhem li r-rikorrenti Diana B giet inabilitata abbazi tal-intelligenza baxxa taghha u dan kif jirrizulta mis-sentenza ta' annullament ta' nhar it-2 ta' Mejju 2012 (ara a fol 52 tal-process). Fil-mori tal-proceduri ta' annullament msemmija, ir-rikorrenti Diana B tixhed u taghti l-verzjoni taghha. Tali

verzjoni tikkombaci ma' dik ta' ommha fil-proceduri odjerni.

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Il-qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' annullament esebita minn A B fis-seduta ta' nhar it-2 ta' Mejju 2012 (ara a fol 52 tal-process) u konsegwentement tirrileva li gialadarba z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi, r-rikorrenti m'ghandha ebda dritt ta' manteniment minghand l-intimat.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

Illi l-qorti dwar din it-talba, terga' taghmel referenza ghal dak citat aktar 'il fuq u cioe' s-sentenza ta' annullament bejn il-partijiet u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba fil-konfront tal-intimat.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Illi permezz tax-xiehda taghha, A B ghan-nom ta' bintha, tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni u fid-dawl ta' nuqqas ta' prova dwar l-istess assi, izda f'dawn ic-cirkustanzi (anke tenut kont tal-fatt li m'hemm ebda indikazzjoni ta' x'seta' ghamel l-intimat mid-data taz-zwieg 'il quddiem), il-qorti thoss li huwa gust li f'kaz li jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun kontrattat tali dejn.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, din il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-intimat;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba ghar-raguni hawn fuq premessa;

[3] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba ghar-raguni hawn fuq premessa;

[4] Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet li dwarha ma ngabet ebda prova izda b'dan illi jekk jirrizulta xi dejn li jirrisali ghall-komunjoni tal-akkwisti, dan ghandu jkun imhallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun ikkuntrattat tali dejn;

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi ghandhom jigu mhallsa provizjorjament mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------